MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 190/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jamal Ragib El Badawi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jamal Ragib El Badawi talli f'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' Ottubru 2002 u fil-jiem ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew ircieva minghand persuni jew persuna jew kellu fil-kustodja tieghu biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess huma falsifikati, u cioe` nstab li kellu fil-pussess tieghu erba' biljetti tal-flus ta'

ghaxar liri falsifikati, liema biljetti tal-flus huwa jaf li huma falsifikati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-14 ta’ Settembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Jamal Rajib El Badawi hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u, wara li rat l-artikolu 18 tal-Kap. 9 u l-artikolu 46 tal-Kap. 204, ikkundannatu ghal tlettax (13) il-xahar prigunerija kif ukoll ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9 li jigu konvertiti f'jum prigunerija ghal kull hames liri (Lm5) li jibqghu mhux imhallsin. Dik il-Qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni ta’ l-esebiti (flus foloz) taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qrati;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Jamal Ragib El Badawi ta' l-24 ta’ Settembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka, thassar u tikkancella s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija u piena, jew alternattivament tvarja l-istess sentenza billi tirriformaha f’dik il-parti koncernanti l-piena billi tapplika piena aktar adegwata ghall-kaz in ezami;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ghamlet *error juris* in kwantu jikkoncerna l-element materjali ta’ l-imputazzjoni dedotta peress ma kienet tezisti ebda falsita` jew falsifikazzjoni ta’ biljetti ta’ flus; (2) il-piena kienet manifestament eccessiva u gravuza.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jghid illi l-ewwel Qorti naqset milli tqis illi l-erba’ karti allegatament foloz kellhom miktuba vizibilment fuqhom il-kelma “SPECIMEN” u ghalhekk ma kinux karti ta’ l-ghaxar liri ffalsifikati izda *specimens* genwini. Ghalhekk hu eskluz kemm il-falz ideologiku kif ukoll il-falz materjali. Jghid illi d-dokumenti in

kwistjoni kienu biss fotokopji ta' poster mahrug mill-Bank Centrali u stante li kienu jistqarru li huma *specimens*, il-kontenut taghhom kien veritjer.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-17 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea**, id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku kif spjegata mill-awturi giet deskritta b'dan il-mod:

**"filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (ara Antolisei, F., *<u>Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II</u>* (Giuffre`, Milano, 1986) p. 604). Fi kliem Manzini (*<u>Trattato</u>*, v. VI, n. 2296, p.829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin 'non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero'. Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., *op. cit.*, p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar, u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, ecc."**

Ghalhekk, bhalma korrettement qalet l-ewwel Qorti, *"huwa possibbli li tiehu karta ta' l-ghaxar liri u tbiddlilha xi wahda mill-karatteristici taghha izda huwa possibbli wkoll li tohloq karta ta' l-ghaxar liri b'kull mezz li jkollox ghad-*

*disposizzjoni tieghek”*. Dik il-Qorti mbaghad qalet illi fil-kaz ta’ l-erba’ karti ta’ l-ghaxar liri li nstabu fil-pussess ta’ l-appellant hemm il-*falso materiale*. Qalet: *“Dan [il-falso materiale] jezisti fl-4 karti ta’ l-ghaxar liri li nholqu minn xi hadd li seta’ uza kull mezz biex fl-ahhar johrog prodott li jixbah l-ghaxar liri Maltija. Il-falz materjali ma jinholoqx bl-alterazzjoni biss izda jista’ jinholoq ukoll billi wiehed ifassal dokument gdid. F’dan il-kaz il-Qorti mhix qed teskludi li seta’ sar minn fuq brochure tal-flus Maltin ghaliex il-kelma ‘Specimen’ fil-genb tidher f’dawn il-brochures.”*

F’dar-rigward l-appellant isostni illi galadarba l-poster, ossia brochure, kien inhareg mill-Bank Centrali, ir-riproduzzjoni ta’ dawk il-karti kienet qed tigi awtorizzata mill-Bank Centrali stess a tenur ta’ l-artikolu 49B tal-Kap. 204. Izda l-appellant m’ghandux ragun. L-artikolu 49B tal-Kap. 204 jipprovdi: *“Minkejja kull disposizzjoni fl-artikoli ta’ hawn fuq, f’cirkustanzi gustifikati il-Bank jista’, taht kondizzjonjiet specifici, jawtorizza r-riproduzzjoni ta’ karti ta’ flus jew muniti”*. Il-Bank Centrali awtorizza r-riproduzzjoni tal-karta ta’ l-ghaxar liri fuq il-poster, ossia brochure, izda ma awtorizzax lill-appellant biex jirriproducihom. Ghalhekk dan l-ilment huwa fieragh.
Issa, huwa minnu illi l-erba’ karti ta’ l-ghaxar liri misjuba ghand l-appellant ghandhom il-kelma “SPECIMEN” stampata fil-genb (ghalkemm mhux cara hafna). Izda dak li kellu fil-pussess tieghu l-appellant ma kinux kopji tal-poster, ossia brochure, tal-Bank Centrali, izda kopji imqasqsin ta’ rapprezentazzjoni tal-karta ta’ ghaxar liri. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta waslet ghall-konkluzjoni illi hawn jezisti il-*falso materiale*.

Fl-ahharnett l-appellant isostni illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta eskludiet ir-rekwizit tal-potenzjalita` li d-dokument ikun jista’ jqarraq u l-gurisprudenza citata mill-ewwel Qorti ma tapplikax ghal dan il-kaz. Din il-Qorti ma taqbilx ma’ dan l-ilment peress illi certament biljetti tal-flus huma dokumenti pubblici u ghalhekk mhux il-kaz li tigi nvestigata l-potenzjalita` li d-dokumenti in kwistjoni jistghu jqarrqu.

Konsegwentement l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

Kwantu ghall-piena l-appellant jirreferi ghac-cirkostanzi patetici tal-kaz u ghas-sitwazzjoni socjali ta' l-appellant kif ukoll ghal cirkostanzi li gew spjegati dettaljatament lil din il-Qorti mill-abbli difensur tieghu u li dwarhom l-abbli prosekutur wera li huwa a konoxxenza taghhom. F'tali cirkostanzi, u anke kkunsidrat in-natura ta' l-oggetti inkriminati, huwa opportun illi s-sentenza ta' prigunerija nflitta mill-ewwel Qorti tigi sospiza.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' tlettax-il xahar effettivi u minflok tikkundannah ghal tlettax-il xahar prigunerija b'dan illi, a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9, din is-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' tliet snin millum, huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Din il-Qorti spjegat lill-appellat ukoll bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------